# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 10 ta' Ottubru 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 24 /2024 JPG**
**Kawza nru.: 29**

**YZ**
**Vs**
**JC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' YZ datat 18 ta' Jannar 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, certifikat taz-zwieg anness u mmarkat (**Dok YZ 1**).*

2. *Illi mill-istess żwieġ ma twieldu l-ebda tfal;*

3. *Illi fl-1 ta' Settembru 2015, il-partijiet ottjenew separazzjoni personali u ffirmaw kuntratt. Liema kuntratt gie ppublikat fl-atti tan- Nutar Ritienne Bugeja Fenech, u fl-istess kuntratt, il-partijiet rrinunzjaw ghad-dritt ta' manteniment minghand xulxin, kuntratt anness u mmarkat (Dok YZ 2);*

4. *Illi l-partijiet ilhom iktar minn seba' (7) snin separati u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonċiljazzjoni;*

5. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan in vista tal-fatt li fid-data li bdew dawn il-proceduri kienu ilhom separati legalment u jghixu separatament ghal dawn l-ahhar erba' snin u cioe aktar mis- sena rikjesta mil-ligi fis-snin precedenti;*

6. *Ir-rikorrenti qieghda tikkonferma l-fatti konenuti f'dan ir-rikors permezz ta' affidavit anness u mmarkat (**Dok.YZ 3**);*

*Ghaldaqstant, ir-rikrrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna li ż-żwieġ kuntratat bejn il-partijiet nhar –il hdax (11) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) jigi mahlul;*

2. *Tordna r-Registratur tal-Qrati Civili sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza d-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-Partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Il-Qorti rat illi l-intimat ma deherx ghas-seduti mhejjija u ma ntavola ebda risposta. Ghaldaqstant l-intimat huwa kontumaci.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-Attrici xehdet (vide affidavit a fol 9)** bil-gurament u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar l-11 ta' Frar 2014 u li minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat l-1 ta' Settembru 2015 fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-11 ta' Frar 2014 liema zwieg jgib certifikat numru 193/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4 ). Minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech nhar l-1 ta' Settembru 2015 (Vide fol 6 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

L-attrici affermat illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis illi ma hemm ebda eccezzjoni li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio in vista tal-kontumacja tal-intimat.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 193/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**